MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Numru. 748/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Paul Farrugia**

Kaz Numru: 748/2012

Illum 20 ta’ Novembru 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Paul Farrugia**, bin Henry u Maria Dolores nee’ Sammut, imwieled fil-21 ta’ April 1961, residenti fil-fond numru 48, Triq l-Imgarr, Xewkija, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 328161(M) li gie akkuzat talli:

Nhar it-13 ta’ Awwissu 2011 ghall-habta ta’ 12:00hrs waqt li kien fuq il-bahar, saq opra tal-bahar numru S 15895 b’mutur Yamaha 115hp fejn l-Gherien ta’ Kemmuna bi speed ta’ aktar minn 10 knots ’il gewwa minn 200 metru ’l boghod mal-kosta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

ILLI minkejja illi l-imputat ta l-verzjoni tieghu, il-Qorti ma taccettax tali verzjoni bhala wahda kredibbli. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Regolamenti 25(c) u 45 u l-Ewwel Kolonna tat-Tielet Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ sitt mitt Euro (€ 600.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------